Opinjoni Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, regoli dwar is-saħħa u l-benessri tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti, dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti, u dwar prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 1829/2003, (KE) Nru 1831/2003, (KE) Nru 1/2005, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 834/2007, (KE) Nru 1099/2009, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, ir-Regolamenti (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru […]/2013, u d-Direttivi 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE, 2008/120/KE u 2009/128/KE (Ir-Regolament dwar il-kontrolli uffiċjali)"

COM(2013) 265 final – 2013/0140 (COD),

u dwar "Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tal-infiq relatat mal-katina alimentari, is-saħħa tal-annimali u l-benessri tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/26/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005, id-Direttiva 2009/128/KE u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KE, 76/894/KEE u 2009/470/KE"

COM(2013) 327 final – 2013/0169 (COD)

(2014/C 67/34)

Relatur: **is-Sur ESPUNY MOYANO**

Nhar it-23 ta' Mejju 2013 u nhar it-13 ta' Ġunju 2013, il-Parlament, u nhar is-7 u nhar il-21 ta' Ġunju 2013, il-Kunsill iddeċidew, b'konformità mal-Artikoli 43(2), 114, 168(4)(b) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar:

il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, regoli dwar is-saħħa u l-benessri tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti, dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti, u dwar prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nri 999/2001, 1829/2003, 1831/2003, 1/2005, 396/2005, 834/2007, 1099/2009, 1069/2009, 1107/2009, ir-Regolamenti (UE) Nri 1151/2012, […/2013, u d-Direttivi 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE, 2008/120/KE u 2009/128/KE (Ir-Regolament dwar il-kontrolli uffiċjali)

COM(2013) 265 final – 2013/0140 (COD), u

l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tal-infiq relatat mal-katina alimentari, is-saħħa tal-annimali u l-benessri tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/26/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005, id-Direttiva 2009/128/KE u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KE, 76/894/KEE u 2009/470/KE

COM(2013) 327 final – 2013/0169 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar l-1 ta' Ottubru 2013.

Matul l-493 sessjoni plenarja tiegħu li saret 16 u 17 ta' Ottubru 2013 (seduta ta' 16 ta' Ottubru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'133 voti favur, 2 voti kontra u 4 astensjonijiet.

1. **Konklużjonijiet**

Kontrolli

1.1 B'mod ġenerali, il-KESE jappoġġja l-proposta mressqa dwar il-kontrolli uffiċjali bil-għan li jiġi garantit livell għoli ta' saħħa tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti u jiġi garantit li s-suq intern tal-UE jaħdem bla xkiel.

1.2 Il-KESE jqis pożittiv kemm l-istabbiliment ta' sistema komuni ta' analiżi kif ukoll l-eżistenza ta' laboratorji ta' referenza f'kull Stat Membru.

1.3 Il-KESE jqis problematika li jiġu imposti b'mod diskrezzjonali tariffi tal-kontroll minn kull Stat Membru, peress li dawn jistgħu jiġu implimentati b'mod differenti. Għalhekk huwa jappoġġja li dawn jiġu armonizzati fir-rigward tal-kriterji u l-metodoloġija tal-ġestjoni, iżda mhux fir-rigward tal-ammont tagħhom li għandu jkun ibbażat fuq iċ-ċirkostanzi ta' kull pajjiż.

1.4 Il-KESE ma jaqbilx li l-kontrolli uffiċjali f'kull Stat Membru jiġu ffinanzjati 100 % minn dawn ir-rati biss, peress li hemm ir-riskju li l-awtoritajiet kompetenti ma jagħtux prijorità sabiex il-kontrolli tagħhom isiru aktar effiċjenti.

1.5 Fir-rigward tal-eżenzjonijiet mill-ħlas tat-tariffi għall-mikrointrapriżi, il-KESE iwissi dwar ir-riskju li jkun hemm distorsjoni tas-suq minħabba d-differenzi possibbli fil-mod li bih dawn ir-rati jiġu applikati fl-Istati Membri. Dan ir-riskju ta' distorsjoni jitnaqqas jekk il-proposta leġislattiva, jew il-verżjonijiet sussegwenti tagħha, ikunu jinkludu kriterji li jirrikonoxxu eżenzjonijiet mill-ħlas li jkunu uniformi fl-UE kollha u li jkunu aktar preċiżi u wiesa' biżżejjed sabiex jirriflettu r-realtà diversa tas-settur u titqies is-sensittività speċjali tal-SMEs u l-mikrointrapriżi.

1.6 Min-naħa l-oħra jeħtieġ li jiġi rikonoxxut, b'mod li jikkomplementa dan t'ħawn fuq, li xi negozji għandhom awtokontrolli effettivi li jitwettqu mill-persunal kwalifikat tagħhom. Dan jista' jwassal għal roħs fit-"tariffi pubbliċi ta' kontroll" f'dawn l-intrapriżi, peress li titnaqqas b'mod sostanzjali l-ħidma tal-uffiċjali pubbliċi fihom. Għalhekk dawn ikunu jisgħu jwettqu l-kompiti ta' kontroll tagħhom f'dawk l-intrapriżi li m'għandhomx biżżejjed riżorsi umani sabiex iwettqu din il-ħidma ta' awtokontroll.

1.7 Il-KESE jqis importanti li, għall-iżvilupp futur tal-applikazzjoni tal-leġislazzjoni, jeħtieġ li jitqies in-nuqqas ta' uniformità fl-applikazzjoni tal-kontroll fid-diversi Stati Membri, speċjalment minħabba li d-differenzi fir-riżorsi umani u finanzjarji fil-ħidma ta' spezzjoni f'kull pajjiż tista' twassal għal disparitajiet fil-kontrolli tas-swieq tal-agrikoltura u tal-tat-trobbija tal-annimali rispettivi, b'konsegwenzi negattivi għal kulħadd.

Infiq

1.8 B'mod ġenerali l-KESE jappoġġja l-abbozz propost dwar il-ġestjoni tal-infiq bil-għan li jiġi garantit livell għoli ta' sigurtà tal-ikel u tas-sistemi tal-produzzjoni tal-ikel, jitjiebu s-saħħa u l-benessri tal-annimali, jiġu skoperti u jitneħħew il-pesti tal-pjanti u jiġi żgurat li l-kontrolli uffiċjali qegħdin jitwettqu b'mod effettiv.

1.9 Il-KESE huwa favur li d-dispożizzjonijiet finanzjarji attwali f'diversi bażijiet legali jiġu sostitwiti minn qafas finanzjarju uniku, ċar u modern li jottimizza l-implimentazzjoni u l-funzjonament tal-ġestjoni finanzjarja tan-nefqa fil-qasam tal-ikel u l-għalf.

1.10 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-proposta tippromovi "Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel" abbażi ta' approċċ armonizzat għall-funzjonament aħjar tas-sistemi ta' kontroll nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea.

1.11 Fir-rigward tal-istabbiliment ta' ammont massimu speċifiku u minħabba li dan l-ammont ma jippermettix li jiġi miżjud peress li huwa inkluż fi pjan multiannwali determinat minn qabel, il-KESE jqis li l-proposta għal Regolament mhix ċara dwar ħafna aspetti relatati mal-ġestjoni tan-nefqa. Għalhekk il-KESE ma jistax jgħid jekk dan l-ammont huwiex biżżejjed jew le.

1.12 Fir-rigward tar-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu f'ċerti ċirkostanzi, il-KESE jemmen li hemm bżonn ta' kjarifika dwar kif l-Istati Membri ser ikunu jistgħu jagħmlu użu minnha f'każ ta' emerġenza. Barra minn hekk, minħabba li din ir-riżerva tingħata f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza relatati mas-saħħa tal-annimali u l-pjanti, il-KESE jemmen li t-terminu "kriżijiet fis-settur agrikolu" għandu jinbidel għal "kriżijiet fis-settur agroindustrijali".

1.13 Fl-aħħar, fir-rigward tal-programmi ta' stħarriġ għall-preżenza ta' pesti u miżuri ta' appoġġ fitosanitarji għat-territorji ultraperiferiċi tal-Istati Membri, il-KESE jappella lill-Kummissjoni sabiex bl-istess mod tikkunsidra l-pesti li jistgħu jiġu minn pajjiżi terzi li għall-UE jirrappreżentaw proporzjon sostanzjali tal-provvista tal-materja prima u prodotti proċessati użati mis-setturi tal-katina alimentari, waqt li jiġu inklużi l-partiti ta' nfiq għall-armonizzazzjoni tal-istandards tas-saħħa tal-pjanti jew tal-produzzjoni ma' dawn il-pajjiżi.

2. **Sinteżi tal-proposta dwar il-kontrolli**

2.1 Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tirrevedi l-leġislazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali biex jingħelbu n-nuqqasijiet identifikati fl-abbozzar u fl-applikazzjoni tagħha. L-għan tagħha huwa li tintroduċi qafas regolatorju sod, trasparenti u sostenibbli, li jkun aktar xieraq għall-għan tiegħu. Ir-*ratio legis* tal-proposta tkopri wkoll in-nuqqasijiet fis-sistemi ta' kontroll ta' ċerti Stati Membri, identifikati mill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju.

2.2 Id-dokument jinkludi tliet reviżjonijiet importanti għall-modernizzar tal-acquis dwar is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-materjal riproduttiv tal-pjanti bil-għan li timmodernizza u tintegra s-sistema ta' kontrolli uffiċjali b'mod li takkumpanja b'konsistenza t-titjib tal-politiki tal-UE f'dawn is-setturi.

2.3 F'dak li jirrigwarda l-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq il-prodotti li jaslu minn pajjiżi terzi, id-dispożizzjonijiet regolatorji bħalissa japplikaw flimkien ma' dispożizzjonijiet settorjali li jiggvernaw l-importazzjonijiet tal-annimali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali, l-importazzjonijiet tal-pjanti u tal-prodotti tal-pjanti u l-kontrolli tal-ikel u tal-għalf.

2.4 Il-Kummissjoni tiddikjara li l-korp komprensiv tal-leġislazzjoni attwalment fis-seħħ jippermetti lill-UE tindirizza riskji emerġenti jew sitwazzjonijiet ta' emerġenza mingħajr ma jinħolqu distorsjonijiet fil-kummerċ, iżda tindika li din is-sistema tal-kontroll tal-importazzjonijiet fl-Unjoni tista' ssir iktar konsistenti billi jiġu riveduti u kkonsolidati l-atti settorjali eżistenti.

2.5 Fir-rigward tal-iffinanzjar tal-kontrolli uffiċjali, ir-Regolament jikkonferma l-prinċipju ġenerali li kull Stat Membru ser ikollu jalloka riżorsi finanzjarji adegwati minn tiegħu għall-kontrolli uffiċjali, kif ukoll l-obbligu li f'ċerti oqsma jiġu ċċarġjati l-ħekk imsejħa "tariffi tal-kontroll".

2.6 Il-proposta żżomm l-obbligu tal-Istati Membri li jaħtru laboratorji ta' referenza nazzjonali għal kull laboratorju ta' referenza tal-UE maħtur mill-Kummissjoni.

2.7 Fl-aħħar, ser tiġi inkluża dispożizzjoni ġdida relatata mas-sanzjonijiet għan-nonkonformità li tesiġi li l-Istati Membri jiżguraw li l-penali finanzjarji applikabbli għall-ksur intenzjonali jkunu akbar mill-benefiċċji ekonomiku mfittex minn min iwettaq il-ksur.

3. **Sinteżi tal-proposta dwar l-infiq**

3.1 Il-proposta għal Regolament tal-Kummissjoni għandha l-għan li tikkontribwixxi għal livell ogħla ta' saħħa għall-bnedmin, l-annimali u l-pjanti tul il-katina alimentari, livell ogħla ta' protezzjoni u informazzjoni għall-konsumaturi u livell għoli ta' protezzjoni ambjentali filwaqt li tiffavorixxi l-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi.

3.2 Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet hemm bżonn ta' riżorsi finanzjarji adegwati. Sabiex l-infiq imur b'mod effettiv lejn l-għanijiet ġusti, għandhom jiġu stabbiliti objettivi speċifiċi u indikaturi sabiex tiġi vvalutata l-kisba ta' dawk l-objettivi.

3.3 Dan il-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ser jitwettaq permezz ta' għotjiet finanzjarji, akkwisti pubbliċi u pagamenti lill-organizzazzjonijiet internazzjonali li jaħdmu f'dawn is-setturi. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-lista ta' miżuri eliġibbli li jistgħu jibbenefikaw minn dawn il-fondi tal-UE kif ukoll l-ispejjeż eliġibbli u r-rati applikabbli.

3.4 Kif stabbilit fil-proposta għal Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2014-2020, il-Kummissjoni tipproponi ammont massimu ta' EUR 1 891 936 000 għall-infiq relatat mal-ikel u l-għalf. Barra minn hekk, il-proposta tissuġġerixxi wkoll li jinħoloq mekkaniżmu ta' emerġenza sabiex jiġu indirizzati s-sitwazzjonijiet ta' kriżi.

3.5 Fir-rigward tal-perċentwali finali li għandu jiġi stabbilit għar-rimborż tal-ispejjeż eliġibbli u minħabba l-importanza tal-għanijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-proposta għal Regolament tistipula li għandhom jiġu ffinanzjati 100 % tal-ispejjeż eliġibbli, dejjem jekk l-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet timplika wkoll spejjeż li mhumiex eliġibbli.

3.6 Fir-rigward tal-programmi nazzjonali għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali u ż-żoonożi, bil-għan li jitnaqqas in-numru ta' każijiet fejn tfaqqa' marda tal-annimali u ż-żoonożi li huma ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, il-proposta għal Regolament tistipula li l-programmi nazzjonali għandhom jibbenefikaw mill-fondi tal-UE.

3.7 Fir-rigward tal-miżuri ta' emerġenza għall-qerda ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti ("il-pesti"), il-proposta għal Regolament tistipula li l-UE għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għall-qerda ta' dawn il-pesti u għandha toffri kontribuzzjoni finanzjarja għall-miżuri ta' emerġenza mmirati biex jevitaw it-tixrid potenzjali tal-pesti. Barra minn hekk, sabiex tiġi individwata f'waqtha l-preżenza ta' ċerti pesti, huwa stipulat li l-UE għandha tiffinanzja stħarriġ adegwat.

3.8 Fir-rigward tal-finanzjament tal-kontrolli uffiċjali, ir-Regolament jikkonferma l-appoġġ finanzjarju tagħhom minnaħa tal-UE. B'mod partikolari, ser jiġu ffinanzjati l-laboratorji ta' referenza tal-UE, bil-għan li jiġu megħjuna jsostnu l-ispejjeż li jinqalgħu minħabba l-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma tal-Kummissjoni. Ser tingħata wkoll kontribuzzjoni finanzjarja għall-ħolqien u t-tħaddim ta' bażijiet tad-data u tas-sistemi kompjuterizzati għall-ġestjoni tal-informazzjoni.

3.9 Fl-aħħar, sabiex jiġi żgurat użu responsabbli u effettiv tar-riżorsi finanzjarji tal-UE, ir-Regolament jawtorizza lill-Kummissjoni tiċċekkja li dan il-finanzjament qiegħed jintuża b'mod effettiv sabiex jiġu implimentati l-miżuri eliġibbli.

4. **Kummenti ġenerali**

Kontrolli

4.1 Il-Kumitat jilqa' l-proposta ppreżentata u l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproteġi s-suq uniku u tiggarantixxi livell għoli u uniformi ta' protezzjoni tas-saħħa fl-UE kollha, waqt li tikkontribwixxi sabiex jiġu evitati l-lakuni legali.

4.2 Il-KESE jappoġġja l-għan li l-għodod ta' kontroll u l-kontrolli uffiċjali jiġu modernizzati u msaħħa, b'tali mod li jiżdiedu l-użu u l-effiċjenza tagħhom.

4.3 Il-KESE jinsab imħasseb bil-fatt li kull Stat Membru jimponi tariffi ta' kontroll mingħajr ma jiġi stabbilit ammont predeterminat. Dan jista' jwassal għal differenzi bejn il-pajjiżi u xi operaturi jkunu inqas kompetittivi minn oħrajn.

4.4 Jintlaqgħu b'mod favorevoli d-dispożizzjonijiet dwar il-kampjuni u l-analiżi li jistipulaw li l-analiżi għandha titwettaq f'laboratorji uffiċjali, waqt li tinħoloq sistema komuni għat-twettiq ta' analiżi kontradittorja.

4.5 Il-KESE jilqa' b'mod pożittiv ħafna l-koordinazzjoni bejn il-pajjiżi kif ukoll bejn il-laboratorji, u għalhekk jappoġġja l-eżistenza ta' laboratorju ta' referenza f'kull Stat Membru.

Infiq

4.6 B'mod ġenerali l-KESE jappoġġja l-proposta għal Regolament u l-intenzjoni tal-Kummissjoni li jiġi garantit livell għoli ta' sigurtà tal-ikel u tas-sistemi tal-produzzjoni tal-ikel, jitjiebu s-saħħa u l-benessri tal-annimali, jiġu skoperti u jitneħħew il-pesti tal-pjanti u jiġi żgurat li l-kontrolli uffiċjali qegħdin jitwettqu b'mod effettiv.

4.7 Il-KESE jappoġġja l-għan li jiġu stabbiliti l-miżuri u l-ispejjeż eliġibbli.

4.8 Il-Kumitat jilqa' d-dispożizzjonijiet tar-Regomanet dwar ir-razzjonalizzazzjoni tal-perċentwali ta' finanzjament billi jiġi stabbilit finanzjament standard ta' 50 % tal-ispejjeż eliġibbli, perċentwali li f'ċerti kundizzjonijiet jista' jitla' għal 75 jew 100 %.

4.9 Il-KESE jilqa' l-fatt li r-Regolament jistabbilixxi ammont minimu ta' għoti għal EUR 50 000 bil-għan li jiġi evitat il-piż amministrattiv.

4.10 Il-KESE jilqa' l-aċċess għal riżerva ta' finanzjament f'każ ta' kriżi fis-settur agroindustrijali kif ukoll l-appoġġ finanzjarju għar-riċerka u d-detezzjoni tal-pesti.

4.11 Fl-aħħar, b'rabta mal-kontrolli uffiċjali, il-KESE jilqa' l-possibbiltà stabbilita fir-Regolament ta' appoġġ finanzjarju għal-laboratorji ta' referenza tal-UE u l-proġetti li għandhom l-għan li jtejbuhom.

5. **Kummenti speċifiċi**

Kontrolli

5.1 Il-proposta tal-Kummissjoni hija eċċessivament miftuħa fir-rigward li jiġi determinat l-ammont tat-tariffi jew l-għażla ta' mudell b'ammont varjabbli jew ibbażat fuq moduli (abbażi tal-kriterji nazzjonali jew Ewropej) jew anke b'rata fissa. Fil-livell operattiv, in-nuqqas ta' kultura amministrattiva uniformi fir-rigward tal-istabbiliment ta' tariffi għas-servizzi pprovduti fid-diversi Stati Membri tal-UE tista' tfisser li fil-prattika ma jkunx hemm l-istess sitwazzjonijiet fost l-Istati Membri skont jekk jimplimentawx it-tariffi jew le u jekk jagħmlux dan skont kalendarju differenti.

5.2 Il-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward tar-raġunijiet ta' eżenzjoni mit-tariffi tista' ma tikkorrespondix għar-realtà diversa tal-operaturi tal-industrija fl-UE. Għandu jkun hemm aktar preċiżjoni jew saħansitra jiġu stabbiliti kategoriji distinti tat-tnaqqis sabiex jiġu evitati l-iżvantaġġi paragunabbli mhux ġustifikati bejn l-intrapriżi abbażi tad-daqs, li jfixklu s-suq uniku.

5.3 Jeħtieġ li l-proposta tispjega u tfisser f'aktar dettall il-kompiti li għandhom jitwettqu mill-veterinarji u mill-presunal tal-kontroll fl-irziezet.

Infiq

5.4 Il-proposta tar-Regolament li tnaqqas in-numru ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, bħal fil-każ tar-rimborż tal-finanzjament, ma titqiesx li hija ċara biżżejjed, peress li d-dokument ma jsemmix liema ser ikun il-korp li ser iwettaq din l-azzjoni.

5.5 Il-proposta tal-Kummissjoni tistipula li l-Unjoni Ewropea għandha tagħti kontribuzzjoni finanzjarja għall-miżuri ta' emerġenza li ġejjin mill-apparenza u l-iżvilupp ta' mard partikolari tal-annimali jew iż-żoonożi, però din il-proposta ma tispeċifikax liema ser ikunu l-miżuri finanzjarji partikolari.

5.6 Fir-rigward tal-miżuri ta' emerġenza għas-saħħa tal-pjanti, huwa importanti li l-proposta tal-Kummissjoni tikkunsidra l-possibbiltà li jkun hemm kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għall-ħolqien u l-ġestjoni tal-programmi ta' sondaġġ sabiex tiġi identifikata l-preżenża ta' pesti u l-miżuri ta' appoġġ għas-saħħa tal-pjanti fil-pajjiżi terzi, li jkunu disponibbli fl-UE kollha għall-utenti interessati kollha.

5.7 Fir-rigward tat-titjib tat-taħriġ tal-uffiċjali pubbliċi tal-Istati Membri, il-KESE jilqa' din l-intenzjoni tal-Kummissjoni, iżda jemmen li huwa essenzjali li jiġu armonizzati minn qabel ir-regoli relatati mal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, sabiex is-sistemi ta' kontroll jiffunzjonaw b'mod aktar effettiv fil-prattika.

5.8 Fl-aħħar, fir-rigward tal-pajjiżi terzi li għall-Unjoni Ewropea jirrappreżentaw proporzjon sostanzjali tal-provvista tal-materja prima u l-prodotti proċessati użati mis-settur tal-katina alimentari, il-KESE jemmen li l-proposta għandha tqis il-possibbiltà li jiġu armonizzati r-regolamenti dwar is-saħħa tal-pjanti u s-saħħa tal-annimali ma' dawn il-pajjiżi.

Brussell, 16 ta' Ottubru 2013

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE